

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Frar 2023 – PBL u WA vs Il-Kummissjoni(Kawża T-538/21) ⁽¹⁾**(“Għajjuna mill-Istat – Għajjuna lil klabb tal-futbol – Rifjut ta’ reġistrazzjoni ta’ ilment ippreżentat minn wieħed mill-membri ta’ klabb tal-futbol – Kwalità ta’ parti interessata”)**

(2023/C 112/40)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Penya Barça Lyon: Plus que des supporters (PBL) (Bron, Franza) u WA (rappreżentant: J. Branco, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u G. Braga da Cruz, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikorsi tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu, abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, minn naħa, l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni COMP/C.4/AH/mdr 2021(092342) tal-1 ta’ Settembru 2021 dwar l-istatus ta’ ilment ippreżentat dwar allegata għajjuna mill-Istat mogħtija lill-klabb tal-futbol Paris Saint-Germain (SA.64489), u, min-naħa l-oħra, l-adozzjoni ta’ diversi ordnijiet indirizzati lill-Kummissjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Penya Barça Lyon: Plus que des supporters (PBL) u WA huma kkundannati għall-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

⁽¹⁾ ĠU C 431, 25.10.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Frar 2023 – UniSkin vs EUIPO – Unicskin (UNISKIN by Dr. Søren Frankild)(Kawża T-787/21) ⁽¹⁾**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea UNISKIN by Dr. Søren Frankild – Trade mark figurattiva preċedenti nazzjonali UNICSKIN YOUR EFFECTIVE SOLUTION – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Xebh tal-prodotti u tas-servizzi – Karattru distintiv tat-trade mark preċedenti – Xebh tas-sinjali – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)**

(2023/C 112/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: UniSkin ApS (Silkeborg, id-Danimarka) (rappreżentant: M. Hoffgaard Rasmussen, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Śliwińska u T. Frydendahl, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Unicskin, SL (Madrid, Spanja)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-20 ta' Ottubru 2021 (Każ R 771/2021-4).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) UniSkin ApS hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 73, 14.2.2022.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Frar 2023 – Bensoussan vs EUIPO – Lulu's Fashion Lounge (LOULOU STUDIO)

(Kawża T-24/22) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea LOULOU STUDIO – Trade mark verbali internazzjonali preċedenti LULU'S – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2023/C 112/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Ugo Bensoussan (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: V. Bouchara u A. Maier, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: T. Frydendahl, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Lulu's Fashion Lounge LLC (Chico, California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: C. Bercial Arias, K. Dimidjian-Lecompte u K. Henry, avukati)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-12 ta' Novembru 2021 (Każ R 480/2021-4).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ugo Bensoussan huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 138, 28.3.2022.